MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 465/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Sandro Degabriele**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Sandro Degabriele, karta ta' l-identita` numru 168979(M), talli:

(1) nhar-is 26 ta’ Frar 2008 għall-ħabta ta’ filgħaxija, ikkommetta serq ta’ “forklifter” ta’ l-għamla Toyota, mingħajr numru tar-reġistrazzjoni, liema inġenju kien ipparkeġġjat fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, għad-dannu ta’ Mario Camilleri u persuni oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, liema valur jeċċedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), bil-ħin u bix-xorta talħaġa misruqa;

(2) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement, f’Malta, laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat u, xjentement, b’kull mod, indaħal biex ibigħhom jew imexxihom;

(3) nhar-is 26 ta’ Frar 2008 għall-ħabta ta’ filgħaxija, f’dawn il-Gżejjer, saq “forklifter” ta’ l-għamla Toyota mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija jew id-Direttur tat-Traffiku, b’hekk ma kienx kopert mill-polza tas-sigurta` għal terzi persuni;

(4) sar reċidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula;

(5) kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Maġistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mis-17 ta’ Mejju 2007 u mill-Maġistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mill-14 ta’ Ġunju 2007.

Il-Qorti ġiet mitluba illi, barra li tagħti l-piena stabbilita bil-liġi, tapplika ukoll l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta għas-sigurta` tal-persuni fuq indikati.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imsemmi Sandro Degabriele jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tiġi sospiża l-liċenzja tas-sewqan ta' l-imsemmi Sandro Degabriele jew jiġi miżmum milli jottjeni l-liċenzja tas-sewqan u dan skond kif inhu mitlub fl-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Ottubru 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Sandro Degabriele ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u minnhom illiberatu;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fis-17 ta' Ottubru 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-imsemmi Sandro Degabriele ħati skond il-liġi ta' l-imptazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-imsemmi Sandro Degabriele esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali hu li l-ewwel Qorti ma setgħet qatt legalment u raġjonevolment tillibera lill-appellat a bażi tal-provi prodotti. L-Avukat Ġenerali jgħid illi l-ewwel Qorti lliberat lill-appellat wara li skartat l-istqarrijiet tiegħu stante li dawn jirrisalu għaż-żmien meta ma kienx jingħata d-dritt ta' l-assistenza legali u, fl-assenza ta' tali stqarrijiet, il-provi rimanenti kienu "ferm skarsi" tant li l-ewwel Qorti ma setgħetx tasal biex issib ħtija skond il-liġi.

**6.** L-Avukat Ġenerali josserva illi ma jsib ebda problema jirrikonoxxi li ġaladarba twarrbu l-istqarrijiet ta' l-appellat, l-ewwel Qorti kienet rinfaċċjata bi provi (jew nuqqas tagħhom) li forsi ma jwasslux sal-grad rikjest mil-liġi għas-sejbien ta' ħtija. L-ilment tiegħu hu li l-ewwel Qorti ma kellha qatt twarrab dawk l-istqarrijiet. L-Avukat Ġenerali jirrileva s-segwenti:

> "1. Meta rrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu lill-Pulizija, l-appellat ma kienx minuri jew vulnerabbli. Għall-kuntrarju huwa kellu tmienja u għoxrin (28) sena, kellu <u>diversi</u> esperjenzi ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija, hekk kif tixhed il-fedina penali pjuttost voluminuża tiegħu, u ma kienx ibati minn xi forma jew oħra ta' vulnerabilita` hekk li faċilment ikun intimidit bl-ambjent fejn issir l-interrogazzjoni;

> "2. Jirriżulta mill-provi, partikolarment mill-istess stqarrijiet esebiti, li qabel ma rrilaxxja l-istqarrijiet imsemmija, l-appellat kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx, u bil-konsegenzi marbutin mat-tweġibiet prospettivi tiegħu. Din l-għażla seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn, u għalhekk għamilha b'liberta` sħiħa. Ma hemm ebda allegazzjoni da parti ta' l-appellat li huwa kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ.

> "3. Jirriżulta wkoll mill-provi li l-appellat mhux talli rrilaxxja stqarrija waħda, talli aktar tard irrilaxxja stqarrija oħra fejn reġa' kkonferma l-ewwel waħda. L-istess bħall-ewwel waħda, qabel ma rrilaxxja t-tieni stqarrija, l-appellat kien għal darb'oħra mgħarraf bil-jeddijiet tiegħu u bil-konsegwenzi marbutin mat-tweġibiet tiegħu fl-istqarrija, u għalhekk anke din it-tieni stqarrija huwa għamilha b'liberta`sħiħa. Lanqas f'dan il-każ ma saret xi allegazzjoni da parti ta' l-appellat jew hemm imqar l-iċken ħjiel li l-appellat kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ.

> "Illi tenut kont il-fuq espost, iż-żewġ stqarrijiet ta' l-appellat huma validi għall-finijiet u efftti kollha tal-liġi, jikkostitwixxu prova għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u ma kellhom qatt jiġu skartati mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

> "Illi f'dan il-kuntest l-esponent jagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-iprem Qorti f'Malta, u cioe` mill-Qorti Kostituzzjonali, fit-8 ta' Ottubru 2012 fl-ismijiet ***Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali***, fejn il-Qorti, f'ċirkostanzi bħal dawk hawn fuq imsemmija, iddikjarat li l-mankanza tad-dritt ta' l-assistenza legali qabel it-teħid ta'

stqarrija ***ma jikkostitwixxix*** ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew ta' l-artikolu 6(1) u 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

"Illi kwindi, abbażi tal-pronunzjament f'***Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali***, l-istqarrijiet li rrilaxxja l-appellat huma tabilħaqq validi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, jikkostitwixxu prova għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u ma kellhom qatt jiġu skartati mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

"Illi ħarsa lejn l-istqarrijiet ta' l-appellat esebiti a fol. 34-37, u 38-39 ta' l-atti proċesswali rispettivament turi li l-appellat ammetta bl-aktar mod ċar u nkonfondibbli li huwa seraq il-*fork-lifter* mertu tal-proċeduri odjerni, li huwa saq l-istess *fork-lifter* mill-Marsa sa Bormla, u li huwa ma kellux liċenzja tas-sewqan. Kwindi, anke fl-assenza ta' provi ulterjuri, din l-ammissjoni hija suffiċjenti skond il-liġi u kellha twassal għall-ħtija skond l-Ewwel (1) u t-Tielet (3) akkużi, u cioe` l-akkużi relattivi għas-serq tal-*fork-lifter*, bl-aggravji msemmija fl-akkuża, u għas-sewqan ta' l-istess *fork-lifter* mingħajr liċenzja. It-Tieni (2) akkuża, u cioe` dik ta' riċettazzjoni, hija alternattiva għall-Ewwel (1) waħda, u kwindi, ġaladarba jissussisti s-serq tal-*fork-lifter* ma tissussistix ir-riċettazzjoni ta' l-istess. Dwar ir-Raba' (4) u l-Ħames (5) imputazzjonijiet, dawn ukoll jinsabu ppruvati sal-grad rikjest mil-liġi permezz tas-sentenzi esebiti fejn, mill-partikolaritajiet imniżżla fis-sentenzi (isem, kunjom, data tat-twelid, isem l-omm, isem il-missier, u numru tal-karta ta' l-identita`) is-'Sandro Degabriele' li għalih jirreferu s-sentenzi huwa ndubbjament l-istess persuna ta' l-appellat odjern."

**7.** Tajjeb hawn li fl-ewwel lok issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Antonio Abdilla et** mogħtija minn din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħha fid-9 ta' Mejju 2013 fejn intqal:

**"8. Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi meta stqarrija tingħata minn suspettat mingħajr l-assistenza ta' avukat dan ma jissarrafx awtomatikament fi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq u konsegwentement fl-inammissibilita` awtomatika tagħha. Hekk, fis-sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru 2012 mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet *Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali*, fejn ġie deċiż li ma kienx hemm ksur ta' smigħ xieraq fiċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ fejn ukoll l-imsemmi Muscat ma kellux assistenza legali, u wara li dik il-Qorti spjegat l-import tas-sentenzi relevanti tal-Qorti ta' Strasbourg, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet kif ġej:**

**"'14. Din il-qorti ttenni illi l-jedd li jagħtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarita`, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet.**

**"'....**

**"'25. Partikolarment relevanti huwa dak li jingħad fil-bidu tal-para. 52 [fil-każ ta' Salduz vs It-Turkija]: "National laws may attach consequences to the attitude of an accused at the initial stages of police interrogation which are decisive for the prospects of the defence in any subsequent criminal proceedings"[1]. Ir-referenza hawnhekk hija għall-konsegwenza ta' inferenza sfavorevoli ("adverse inference") kontra min jagħżel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulu. Fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tallum, qabel ma daħlu fis-seħħ l-art. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Għalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joħolqu l-ħtieġa ta' parir legali biex l-interrogat jagħżel iweġibx jew jibqax sieket, ma jeżistux fil-każ tallum, għax, għalkemm l-attur ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwieġeb, seta' liberament u bla konsegwenzi ta' xejn jagħżel li ma jweġibx. Kien ikun mod ieħor li kieku l-liġi kienet tippermetti illi ssir xi inferenza mis-skiet.**

**"'26. Relevanti wkoll dak li jingħad fil-para. 54: "This right [to assistance by a lawyer] indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused". Fil-każ tallum ma saret ebda allegazzjoni ta' theddid, vjolenza jew abbuż.**

[1] Ara wkoll Płonka v. Il-Polonja, para. 34.

**"'27. Għandu jingħad ukoll illi l-Qorti Ewropeja wkoll fl-istess każ ta' Salduz osservat illi l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każ biss li, minħabba f'hekk, il-ġustizza tal-proċess tkun kompromessa: 'Article 6 – especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions.[2]'**

**"'28. Naraw issa kif dawn il-prinċipji jolqtu l-każ tallum.**

**"'29. Fil-każ tallum l-attur kien raġel matur li ġa kien qiegħed jiskonta sentenza fil-faċilita` korrettiva meta kien interrogat: l-istqarrija għamilha fis-7 ta' Awissu 2002 u kien ilu l-ħabs mill-1994. Kellu esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilita` hekk li faċilment ikun intimidit bl-ambjent fejn issir l-interrogazzjoni. Għalhekk, ma hemmx il-fattur li wassal għal sejbien ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każijiet ta' Il-Pulizija v. Esron Pullicino[3], fejn il-persuna interrogata kienet għadha minorenni, u ta' Il-Pulizija v. Alvin Privitera[4], fejn il-persuna interrogata kienet ilha biss erba' xhur li għalqet it-tmintax-il sena.**

**"'30. F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qalet il- Qorti Ewropeja fil-każ ta' Paskal v. l-Ukrajna[5]: "the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was wellinformed"[6].**

**"'31. Relevanti wkoll il-fatt illi l-attur kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Kif rajna, din l-għażla seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk għamilha b'liberta` sħiħa. Ma hemm ebda xiehda u lanqas allegazzjoni li kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Din il-liberta` fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awtoinkriminazzjoni.**

**"'32. Relevanti wkoll il-fatt illi sakemm fetaħ il-kawża tallum fit-2 ta' Diċembru 2010 – wara li kienet magħrufa s-sentenza ta' Salduz – l-attur qatt ma fittex li jieħu lura l-istqarrija li kien għamel jew li jiċħad dak li qal fiha. Dan huwa sinjal li l-attur stess ma kienx qiegħed iħoss illi tqiegħed taħt svantaġġ inġust bl-istqarrija li, wara kollox, għamilha liberament.**

---

[2] Salduz v. it-Turkija, para. 50 (enfasi miżjud).
[3] Q. Kost. 12 ta' April 2011, rik. 63/2009.
[4] Q. Kost. 11 ta' April 2011, rik. 20/2009.
[5] Q.E.D.B. 15 ta' Settembru 2011, rikors 24652/04.
[6] Para. 78.

**"'33. Meta tqis ukoll illi l-attur għad irid igħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi kollha, u mhux biss l-istqarrija ta' l-akkużat; illi matul dan il-proċess l-attur sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-perikolu illi joqogħdu biss fuq l-istqarrija meta jiddeċiedu dwar ħtija, bla ma jqisu wkoll il-provi l-oħra, u illi l-imħallef saħansitra jista' jwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tinġieb xiehda – li ma tressqitx quddiem din il-qorti – li l-istqarrija ttieħdet bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid, din il-qorti hija tal-fehma illi ma ntwera ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq bit-teħid tal-istqarrija tal-attur mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat.**

**"'34. Bħala garanzija addizzjonali, din il-qorti sejra tordna illi kopja ta' din is-sentenza tiddaħħal fl-atti tal-proċess kriminali sabiex il-paragrafu ta' qabel dan jinġieb għall-attenzjoni tal-ġudikanti tad-dritt u tal-fatt."**

**"9. Inoltre, sejra ssir referenza għal dak li qalet din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmel Saliba mogħtija fit-2 ta' Mejju 2013 fir-rigward ta' aggravju simili għal dak odjern:**

**"'15. L-insenjament awtentiku u l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali f'din il-materja ġie riassunt fil-bran li ġej mis-sentenza tal-istess Qorti tas-26 ta' April 2013 fil-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v Martin Dimech fejn jingħad:**

**"'Din il-qorti ġa kellha okkażjoni illi tgħid illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, fosthom ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilita` tal-persuna interrogata, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimita` meħtieġa biex ma jitqiesx li l-istqarrija ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.'[7]**

**"'16. Fil-każ ta' llum din il-Qorti ma ġewx indikati lilha ebda ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilita` fiż-żmien li l-appellant irrilaxxja l-istqarrija u x-xiehda in kwistjoni u li jistgħu jinduċu lil din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat meta ttieħdet l-istqarrija u ngħatat ix-xiehda, l-użu ta' dik l-istqarrija u xiehda fil-kors tal-ġuri twassal għal smigħ mhux xieraq fil-konfront tal-appellant. Ma**

[7] Ara wkoll Qorti Kostituzzjonali Joseph Bugeja v Avukat Ġenerali, 14 ta' Jannar 2013, rik. 70/2011.

**rriżultat ebda ċirkostanza li tirrendi l-istess stqarrija u xiehda inammissibbli skont il-liġi.**

**"'17. Iċ-ċirkostanzi ta' l-appellant u ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdu l-istqarrija u x-xiehda, jifformaw parti mill-provi li se jinġiebu a konoxxenza ta' l-imħallfin tal-fatti. L-istess bħalma jifforma parti mill-provi dak li l-appellant seta' qal lil xi xhieda u ċ-ċirkostanzi li fihom ikun qalhom (f'dar-rigward l-appellant ma ndika l-ebda xhud partikolari li qiegħed jilmenta dwaru). Difatti, bħal fil-każ ta' Muscat, l-appellant għad irid jgħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi kollha, u mhux biss l-istqarrijiet tiegħu; illi matul dan il-proċess huwa sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-ħtieġa li l-provi kollha, inkluża l-istqarrija u x-xiehda li ssemmiet, isir apprezzament tagħhom fl-assjem tagħhom meta jiddeċiedu dwar ħtija. L-imħallef saħansitra ċertament ser iwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrijiet jekk tinġieb xiehda li l-istqarrijiet ttieħdu bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Sta wkoll għall-imħallef togat biex jara x'kawteli jridu jittieħdu mill-imħallfin tal-fatti dwar xi diskors li l-appellant seta' qal lil xi xhieda u f'liema ċirkostanzi ntqal dak id-diskors. Konsegwentement anke t-tieni aggravju huwa miċħud.'"**

**7.** Huwa inkontestat li fil-każ in eżami l-appellat ma kellux il-benefiċċju ta' l-asistenza legali meta ġie biex jirrilaxxja l-istqarrijiet. Pero` m'hemm l-ebda evidenza u lanqas ma ġie allegat li l-istqarrijiet ttieħdu bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid. L-appellat, li kellu 28 sena, ġie mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket. Ma ġew indikati lil din il-Qorti ebda ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilita` fiż-żmien li l-appellat irrilaxxja l-istqarrijiet. Inoltre mill-fedina penali tiegħu jirriżulta, almenu *prima facie,* li l-appellat diġa` kellu esperjenza ta' interrogazzjonijet mill-Pulizija. Imbagħad mill-kontro-eżami li sar lill-Ispettur Kevin Borg huwa evidenti illi l-appellat ma kienx qiegħed jikkontesta dak li kien qal fl-istqarrija u li l-linja li kien qiegħed jadotta kienet li huwa kien ħa oġġett mormi. Għalhekk l-istqarrijiet ta' l-appellat huma ammissibbli bħala prova u sejrin jittieħdu flimkien mal-provi l-oħra prodotti.

**8.** Il-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti sejra tagħmel huma fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet li l-Avukat Ġenerali dehrlu illi tista' tinstab ħtija tagħhom, skond in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tas-26 ta' Settembru 2008, u cioe`:

(1) l-artikoli 261(b)(c)(d)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g) tal-Kodiċi Kriminali;

(2) l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;

(3) l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65;

(4) l-artikolu 3 tal-Kap. 104.

**9.** Issa, fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qalet li "bla dubju ta' xejn dan il-*forklifter* instab għand l-imputat, pero` din il-Qorti la għandha prova ċerta ta' meta ġie għandu; u lanqas kif, għalkemm il-pussess tiegħu huwa ferm dubbjuż. Lanqas ma hi komda l-Qorti tadotta t-teorija ta' *'recent possession'* f'dan il-każ għax verament qed taħdem fuq provi skarsi."

**10.** Din il-Qorti eżaminat il-provi kollha miġjuba. Jirriżulta li fis-27 ta' Frar 2008 il-Pulizija sabu l-*forklifter* in kwistjoni fil-pussess ta' ċertu Joseph Debono u mhux għand l-appellat. Skond l-Ispettur Jesmond Borg, dan Joseph Debono qal li kien xtrah permezz ta' tpartit mingħand l-appellat. L-imsemmi Joseph Debono, pero`, qatt ma ġie prodott sabiex jixhed. L-appellat ġie arrestat u fl-ewwel stqarrija tiegħu qal li kien ħa l-*forklifter* minn fejn kien ipparkjat fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, u li saqu minn hemm wara li għamillu xi tiswijiet u għamillu batterija. Fit-tieni stqarrija tiegħu kkonferma dak li kien qal fl-ewwel stqarrija. Adrian Figallo, *operations manager* mal-kumpanija ITC Ltd, qal li l-*forklifter* huwa tal-kumpanija u li kellu diversi difetti; kien ilu numru ta' xhur fit-triq. Huwa minnu illi l-imsemmi Adrian Figallo ma pproduċa l-ebda dokumentazzjoni fir-rigward tal-*forklifter* iżda huwa għaraf il-*forklifter* bħala tal-kumpanija minn diversi fatturi. Issa, fl-ewwel imputazzjoni ġie ndikat li l-*forklifter* kien jappartjeni lil ċertu "Mario Camilleri u persuni oħra". Dan Mario Camilleri qatt ma ġie prodott biex jixhed. Huwa jissemma bħala *contact person* tal-kumpanija I.T.C. Ltd., sidt il-vann (ara Dok. CD a fol. 48). Minn dan kollu jista' jiġi determinat illi l-*forklifter* kien effettivament tal-kumpanija I.T.C. Ltd.

**11.** Bħalma qalet l-ewwel Qorti, il-provi huma skarsi, iżda għar-raġunijiet diġa` mogħtija, l-istqarrijiet ta' l-appellat ma jistgħux jiġu injorati. Dak li Joseph Debono qal lill-Ispettur Jesmond Borg huwa biss *hearsay* u ma ġiex ikkonfermat mill-istess Joseph Debono. Kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti, il-*forklifter* ma nstabx fil-pussess ta' l-appellat u għal din ir-raġuni t-teorija tar-*recent possession* hi kompletament eskluża. Minn dak li qal Adrian Figallo jidher li l-*forklifter* kien mitluq fit-triq flimkien ma' vann. Id-dehra tagħhom kien wieħed ta' abbandun. Iżda meta l-appellat iddeċieda li jieħu l-*forklifter*, evidentement dan għamlu għax dehrlu li seta' jagħmel ċertu gwadann. Difatti jgħid li partat il-*forklifter* ma' karozza li għaliha Joseph Debono kien talbu Lm200. Qabel ma ddeċieda li jieħu l-*forklifter* huwa kien indaga dwar ta' min kienu dawn il-*forklifter* u vann u ġie nfurmat li kienu ta' kumpanija li kienet falliet u s-sidien kienu telqu mill-Marsa. F'dawn iċ-ċirkostanzi kellu l-obbligu li jipprova jirrintraċċja dawn is-sidien. Peress illi naqas milli jagħmel dan, huwa jrid jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni, b'dan illi, kwantu għall-valur, dan qiegħed jiġi determinat bħala li huwa iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37). Inoltre ma jirriżultax l-addebitu ta' serq ikkwalifikat bil-persuna.

**12.** Stante li l-appellat sejjer jiġi dikjarat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni mhuwiex sejjer jiġi dikjarat ħati tar-reat alternattiv ta' riċettazzjoni.

**13.** L-appellat *ex admissis* saq il-*forklifter* mill-Marsa sa Bormla. Jirriżulta li huwa ma kellux liċenzja tas-sewqan u kwindi ma kienx kopert minn polza ta' assigurazzjoni.

**14.** Kwantu għall-piena, din il-Qorti tosserva illi fil-preżent l-appellat qiegħed jiskonta xi sentenzi ta' priġunerija. Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa importanti kemm għalih innifsu kif ukoll għas-soċjeta` illi huwa joħroġ mill-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin suffiċjentement motivat illi jibdel triqtu. Hemm bżonn li jingħata direzzjoni u anke superviżjoni kemm waqt illi għadu fil-Faċilita` kif

ukoll meta joħroġ. Għalhekk din il-Qorti, fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni, u l-appellat konsenzjenti, sejra tqiegħdu taħt ordni ta' *probation* bil-kondizzjonijiet appożiti.

**15.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellat Sandro Degabriele ħati talli:

(1) nhar-is 26 ta' Frar 2008 għall-ħabta ta' filgħaxija, ikkommetta serq ta' "forklifter" ta' l-għamla Toyota, mingħajr numru tar-reġistrazzjoni, liema inġenju kien ipparkeġġjat fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, għad-dannu tal-kumpanija I.T.C. Ltd., liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, liema valur huwa iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

(2) nhar-is 26 ta' Frar 2008 għall-ħabta ta' filgħaxija, f'dawn il-Gżejjer, saq "forklifter" ta' l-għamla Toyota mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija jew id-Direttur tat-Traffiku, b'hekk ma kienx kopert mill-polza tas-sigurta` għal terzi persuni;

u, wara li rat l-artikoli l-artikoli 261(b)(c)(d)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(1)(2), 279(a) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali; l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65; u l-artikolu 3 tal-Kap. 104, b'referenza għall-ewwel imputazzjoni tqiegħdu taħt *probation* a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 446 għal perijodu ta' tliet snin millum taħt is-sorveljanza ta' uffiċjal tal-*probation* li jiġi nominat għal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* li qiegħed jiġi hawn anness, u liema kondizzjonijiet il-ħati ddikjara li huwa jaċċetta. Tordna li kopja ta' l-ordni ta' *probation* tiġi minnufih komunikata lill-*probationer* u lill-Uffiċjal Prinċipali tal-*Probation*. B'referenza għat-tieni imputazzjoni tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu

(€2,329.37) u tiskwalifikah milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' tnax-il xahar.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------